# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

21 ta' Ottubru 2010 *

Fil-Kawża C-227/09,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mit-Tribunale ordinario di Torino, Sezione Lavoro (l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' Ġunju 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' Ġunju 2009, fil-proċedura

**Antonino Accardo,**

**Viola Acella,**

**Antonio Acuto,**

**Domenico Ambrisi,**

**Paolo Battaglino,**

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

**Riccardo Bevilacqua,**

**Fabrizio Bolla,**

**Daniela Bottazzi,**

**Roberto Brossa,**

**Luigi Calabro,**

**Roberto Cammardella,**

**Michelangelo Capaldi,**

**Giorgio Castellaro,**

**Davide Cauda,**

**Tatiana Chiampo,**

**Alessia Ciaravino,**

**Alessandro Cicero,**

**Paolo Curtabbi,**

**Paolo Dabbene,**

**Mauro D'Angelo,**

**Giancarlo Destefanis,**

**Mario Di Brita,**

**Bianca Di Capua,**

**Michele Di Chio,**

**Marina Ferrero,**

**Gino Forlani,**

**Giovanni Galvagno,**

**Sonia Genisio,**

**Laura Dora Genovese,**

**Sonia Gili,**

**Maria Gualtieri,**

**Gaetano La Spina,**

**Maurizio Loggia,**

**Giovanni Lucchetta,**

**Sandra Magoga,**

**Manuela Manfredi,**

**Fabrizio Maschio,**

**Sonia Mignone,**

**Daniela Minissale,**

**Domenico Mondello,**

**Veronnica Mossa,**

**Plinio Paduano,**

**Barbaro Pallavidino,**

**Monica Palumbo,**

**Michele Paschetto,**

**Frederica Peinetti,**

**Nadia Pizzimenti,**

**Gianluca Ponzo,**

**Enrico Pozzato,**

**Gaetano Puccio,**

**Danilo Ranzani,**

**Pergianni Risso,**

**Luisa Rossi,**

**Paola Sabia,**

**Renzo Sangiano,**

**Davide Scagno,**

**Paola Settia,**

**Raffaella Sottoriva,**

**Rossana Trancuccio,**

**Fulvia Varotto,**

**Giampiero Zucca,**

**Fabrizio Lacognata,**

**Guido Mandia,**

**Luigi Rigon,**

**Daniele Sgavetti**

vs

**Comune di Torino,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn J. N. Cunha Rodrigues, President tal-Awla, A. Arabadjiev, U. Lõhmus, A. Ó Caoimh (Relatur), u, P. Lindh, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Cruz Villalón,
Reġistratur: M.-A. Gaudissart, kap ta' diviżjoni,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-24 ta' Ġunju 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal A. Accardo *et*, minn R. Lamacchia, avukat,

— għal F. Lacognata *et*, minn A. Grespan, avukat,

— għall-Comune di Torino, minn M. Li Volti, S. Tuccari u A. Melidoro, avukati,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn W. Ferrante u L. Ventrella, avvocati dello Stato,

— għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek u D. Hadrouška, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. van Beek u C. Cattabriga, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpetazzjoni tal-Artikoli 5, 17 u 18 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE, tat-23 ta' Novembru 1993, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 197).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn A. Accardo *et* kif ukoll F. Lacognata *et*, u l-Comune di Torino, dwar talba għal kumpens ta' danni li ġarrbu, matul is-snin 1998-2007, minħabba n-nuqqas ta' osservanza tal-perijodi ta' mistrieħ

ta' kull ġimgħa li kellhom igawdu minnhom l-uffiċjali tal-pulizija muniċipali tal-komun ta' Torino.

## Il-kuntest ġuridiku

*Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni*

3 Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE, tat-12 ta' Ġunju 1989, dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 349) hija d-direttiva qafas li tistabbilixxi l-prinċipji ġenerali dwar is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema. Dawn il-prinċipji ġew sussegwentament żviluppati permezz ta' serje ta' direttivi speċifiċi. Dawn id-direttivi jinkludu d-Direttiva 93/104 kif emendata bid-Direttiva 2000/34 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 27), u d-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381) (iktar 'il quddiem, flimkien, id-"direttivi 'ħin tax-xogħol'").

4 L-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/391 jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva kif ġej:

"1. Din id-Direttiva għandha tgħodd għas-setturi ta' attività kollha, kemm pubbliċi u kemm privati (industrijali, agrikoli, kummerċjali, amministrattivi, ta' servizz, edukattivi, kulturali, ta' serħan etċ.).

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tgħodd fejn karatteristiċi partikolari għal ċerti attivitajiet ta' servizzi pubbliċi speċifiċi, bħall-forzi armati jew il-pulizija, jew għal ċerti attivitajiet speċifiċi fis-servizzi tal-protezzjoni ċivili, b'mod inevitabbli jmorru kontra tagħha.

F'dak il-każ, is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema għandhom ikunu żgurati sa fejn ikun possibbli fid-dawl ta' l-għanijiet ta' din id-Direttiva."

5 Id-Direttiva 93/104 ġiet emendata l-ewwel darba bid-Direttiva 2000/34. Sussegwentement, id-Direttiva 2003/88 ħassret u ssostwiet id-Direttiva 93/104 kif emendata, billi kkodifikatha.

6 Skont l-Artikolu 1 tad-direttivi "ħin tax-xogħol" intitolat "Għan u skop [kamp ta' applikazzjoni]":

"1. Din id-Direttiva tistabbilixxi ħtiġiet minimi tas-siġurtà u s-saħħa għall-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol.

2. Din id-Direttiva tapplika għal:

(a) il-perjodi minimi ta' serħan [mistrieħ] ta' kull jum, serħan [mistrieħ] ta' kull ġimgħa u leave annwali, għal waqfien u ħin tax-xogħol massimu ta' kull ġimgħa;

u

(b) ċerti aspetti tax-xogħol bil-lejl, ix-xogħol bix-shift u t-tendenzi tax-xogħol.

3. Din id-Direttiva għandha tapplika għas-setturi kollha ta' l-attività, kemm pubblika u wkoll privata, fil-qofol tat-tifsira ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/391/KEE, mingħajr preġudizzju [...].

[...]

4. Id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 89/391/KEE għandhom ikunu applikabbli bis-sħiħ għall-materji kollha li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 2, mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijiet aktar iebsa u/jew speċifiċi li jinstabu f'din id-Direttiva."

7 Taħt it-titolu "Definizzjonijiet", l-Artikolu 2 tad-direttivi "ħinijiet tax-xogħol" jipprovdi:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. 'ħin tax-xogħol' ifisser kwalunkwe perjodu li matulu il-ħaddiem ikunu għax-xogħol, għad-disposizzjoni ta' min jimpjegah u jwettaq l-attivitajiet jew id-doveri tiegħu, b'konformità mal-liġijiet nazzjonali u/jew prattiċi;

2. 'perjodu ta' serħan [mistrieħ]'; ifisser kwalunkwe perjodu li ma jkunx il-ħin tax-xogħol;

[…]"

8 L-Artikoli 3 sa 7 tad-direttivi "ħin tax-xogħol" jipprovdu l-miżuri li l-Istati Membri huma obbligati li jieħdu sabiex kull ħaddiem jibbenefika minn perijodu minimu ta' mistrieħ ta' kuljum, ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa u ta' leave annwali mħallas. Huma jirregolaw ukoll il-waqfien u l-ħin tax-xogħol massimu ta' kull ġimgħa.

9 Skont l-Artikolu 3 tad-direttivi "ħin tax-xogħol", intitolat "Serħan [Mistrieħ] ta' kull jum", "[l]-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li kull ħaddiem ikun intitolat għal perjodu minimu ta' serħan [mistrieħ] kull jum ta' 11-il siegħa konsekuttivi f'perjodu ta' 24-siegħa".

10 F'dak li jirrigwarda l-mistrieħ ta' kull ġimgħa, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tad-direttivi "ħin tax-xogħol" jipprovdi li l-Istati Membri "għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li, f'kull perjodu ta' sebat ijiem kull ħaddiem ikun intitolat għal perjodu minimu mingħajr interruzzjoni ta' serħan [mistrieħ] kull perjodu ta' 24 il-siegħa flimkien ma 11-il siegħa serħan ta' kull jum kif li hemm referenza għalih fl-Artikolu 3". Mill-imsmemi Artikolu 5 jirriżulta wkoll li jekk ikun ġustifikat minn kundizzjonijiet oġġettivi tekniċi jew ta' organizzazzjoni tax-xogħol, jista' jiġi applikat perijodu minimu ta' mistrieħ ta' 24 siegħa.

11 L-Artikolu 16 tad-direttivi "ħin tax-xogħol" jistabbilixxi, għall-applikazzjoni tal-Artikolu 5 ta' dawn id-direttivi, perijodu ta' referenza li ma jeċċedix erbatax-il jum.

12 Id-direttivi "ħin tax-xogħol" jistabbilixxu serje ta' derogi għal diversi regoli bażiċi tagħha, meta jittieħdu inkunsiderazzjoni n-natura speċifika ta' ċerti attivitajiet u suġġett li ċerti kundizzjonijiet jiġu sodisfatti.

13 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 17 tad-Direttiva 93/104 u tad-Direttiva 93/104 kif emendat jiddisponi:

"[...]

2. Jistgħu ikunu adottati derogi permezz ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi jew permezz ta' ftehim kollettiv jew bi ftehim bejn iż-żewġ naħat ta' l-indusrija [l-imsieħba soċjali] sakemm il-ħaddiema kkonċernati jingħataw perjodi xierqa ta' mistrieħ b'kumpens jew li, f'każijiet ta' eċċezzjoni fejn mhux possibbli, għal raġunijiet oġġettivi, jagħtu perjodi ekwivalenti ta' serħan [mistrieħ] b'kumpens, u li l-ħaddiema kkonċernati huma mogħtija protezzjoni xierqa:

2. 1 mill-Artikolu 3, 4, 5, 8 u 16:

[...]

b) f'każ ta' l-attivitajiet ta' sigurtà u sorveljanza li jeħtieġu presenza permanenti bil-għan li jiġu protetti l-propjetà jew il-persuni, b'mod partikolari l-gwardji tas-sigurtà u gwardjani [purtinara] u ditti tas-sigurtà;

c) f'każ ta' attivitajiet li jinvolvu il-bżonn tal-kontinwità tas-servizz jew tal-produzzjoni, partikolarment:

[...]

iii) [...], l-ambulanzi, is-servizzi tal-protezzjoni kontra n-nar u tal-protezzjoni ċivili;

[...]

3. Jistgħu isiru derogi mill-Artikoli 3, 4, 5, 8 u 16 permezz ta' ftehim kollettiv jew ftehim milħuq bejn iż-żewġ naħat ta' l-industrija [l-imsieħba soċjali] fil-livell nazzjonali jew reġjonali jew, b'konformità mar-regoli stipulati minnhom, permezz ta' ftehim kollettiv jew ftehim milħuq bejn iż-żewġ naħat ta' l-industrija [l-imsieħba soċjali] fl-livell aktar baxx.

Fl-Istati Membri fejn ma hemmx sistema statutorja li tiżgura il-ftehim kollettiv jew il-ftehim milħuq bejn iż-żewġ naħat ta' l-indusrija [l-imsieħba soċjali] fil-livell nazzjonali jew reġjonali, fuq il-kwistjonijiet li jaqgħu taħt din id-Direttiva, jew f'dawk l-Istati Membri fejn hemm qafas ta' leġislazzjoni speċifiku għal dan l-għan u fil-limiti tagħha, jistgħu, bi qbil mal-leġislazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali, iħallu derogi mill- Artikoli 3, 4, 5, 8 u 16 permezz ta' ftehim kollettiv jew ftehim milħuq bejn iż-żewġ naħat ta' l-industrija fil-livell xieraq kollettiv.

Id-derogi pprovduti fl-ewwel u t-tieni sottoparagrafu għandhom ikunu permessi bil-kundizzjoni li perjodi ta' serħan [mistrieħ] b'kumpens ekwivalenti jingħataw lill-

ħaddiema kkonċernati jew, f'każi ta' eċċezzjoni fejn mhux possibbli għal raġunijiet oġġettivi li jiggarantixxu dawn il-perjodi, il-ħaddiema kkonċernati jingħataw protezzjoni xierqa.

L-Istati Membri jistgħu jistipulaw regoli:

— għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu miż-żewġ naħat ta' l-industrija [mill-imsieħba soċjali],

u

— għall-estensjoni tad-dispożizzjonijiet tal-ftehim kollettiv jew tal-ftehim milħuq b'konformità ma' dan il-paragrafu lil ħaddiema oħra bi qbil mal-legislazzjoni u/jew prattika nazzjonali.

[...]"

14 Skont l-Artikolu 18(1)(a) tad-Direttiva 93/104 u tad-Direttiva 93/104 kif emendata, l-Istati Membri għandhom jimplementaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw irwieħhom ma' din id-direttiva sa mhux iktar tard mit-23 ta' Novembru 1996, jew għandhom jiżguraw rwieħhom li sa din id-data l-imsieħba soċjali jkunu adottaw il-miżuri meħtieġa bi ftehim, billi l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jadottaw kull miżura neċessarja sabiex f'kull mument ikunu jistgħu jiggarantixxu r-riżultati imposti minn din id-direttiva.

15 Kif jirriżulta mill-punt 5 ta' din is-sentenza, id-Direttiva 93/104 kif emendata ġiet imħassra u ssotitwita, mit-2 ta' Awwissu 2004, bid-Direttiva 2003/88. Mit-termini tal-premessa 1 tad-Direttiva 2003/88 jirriżulta li din tal-aħħar hija intiża, għall-għan ta' ċarezza, li tikkodifika d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/104 kif emendat. B'hekk, il-kontenut u l-enumerazzjoni b'mod partikolari tal-Artikoli 1 sa 3, 5 u 16, huma riprodotti b'mod identiku fid-Direttiva 2003/88. Il-punti 2.1 u 2.2 tal-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 93/104 kif emendata, issa huma mqassma bejn l-Artikolu 17(2) u l-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 2003/88. L-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 93/104 kif emendata huwa riprodott fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2003/88.

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

16 Mid-digriet tar-rinviju jirriżulta li l-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, bejn l-1998 u l-2007, jikkonsisti fi tliet partijiet distinti fir-rigward tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli.

17 L-ewwel nett, sad-29 ta' April 2003, id-dritt tal-ħaddiem għall-mistrieħ ta' kull ġimgħa kien ibbażat, minn naħa, fuq it-tielet paragrafu tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni, li jipprovdi li "il-ħaddiem huwa intitolat għal mistrieħ ta' kull ġimgħa [...] u ma għandu l-ebda dritt li jirrinunzja għal dan" u, min-naħa l-oħra, fuq l-Artikolu 2109(1) tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid li "[k]ull min iwettaq xogħol għandu dritt għal jum ta' serħan ta' kull ġimgħa, li normalment jikkoinċidi mal-Ħadd". Mill-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja minn A. Accardo *et* jirriżulta li dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet ġew ippromulgati ferm qabel l-adozzjoni tad-Direttiva 93/104.

18 Sussegwentement, mid-29 ta' April 2003, id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 66 tat-8 ta' April 2003, li jimplementa d-Direttivi 93/104/KE u

2000/34/KE fir-rigward ta' ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (suppliment ordinarju għall-GURI Nru 87, tal-14 ta' April 2003, iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 66/2003"), is-sistema ġenerali ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa hija bbażata fuq l-Artikolu 9(1) ta' dan id-digriet, li jipprevedi d-dritt tal-ħaddiem li jibbenefika, kull sebat ijiem, minn perijodu ta' mistrieħ ta' mill-inqas erbgħa u għoxrin siegħa konsekuttiva, li normalment jikkoinċidi mal-Ħadd, flimkien mas-sigħat ta' mistrieħ ta' kuljum imsemmija fl-Artikolu 7 ta' dan id-digriet. Skont l-Artikolu 9(2)(b) u l-Artikolu 17(4) tal-istess digriet, jistgħu jsiru derogi għal din il-liġi permezz ta' ftehim kollettivi, bil-kundizzjoni li jingħataw perijodi ekwivalenti ta' mistrieħ bħala kumpens.

19 Fl-aħħar nett, mill-1 ta' Settembru 2004, wara emenda introdotta bl-Artikolu 1(1)(b) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 213 tad-19 ta' Lulju 2004, li jemenda u jissupplimenta d-Digriet Leġiżlattiv Nru 66 tat-8 ta' April 2003 li jikkonċernaw il-mekkaniżmu ta' sanzjonijiet fil-qasam tal-ħin tax-xogħol (GURI, serje ġenerali, Nru 192, tas-17 ta' Awwissu 2004, iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 213/2004"), id-dispożizzjonijiet tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 66/2003 ma għadhomx applikabbli għall-uffiċjali tal-pulizija muniċipali.

20 Kemm qabel id-dħul fis-seħħ tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 66/2003 kif ukoll wara l-adozzjoni tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 213/2004, id-derogi għas-sistema normali tal-mistrieħ ta' kull ġimgħa, applikabbli għall-uffiċjali tal-pulizija muniċipali, ġew previsti minn tliet "ftehim kollettivi nazzjonali ta' xogħol" tal-qasam tal-awtoritajiet lokali, li ġew konklużi rispettivament fl-1987, fl-2000 u fl-2001 (iktar 'il quddiem, flimkien, "il-ftehim kollettivi inkwistjoni fil-kawża prinċipali"). Kull wieħed minn dawn il-ftehim jipprovdi, b'mod partikolari, għall-"impjegati li, minħabba eżiġenzi speċifiċi tas-servizz", ma jibbenfikawx minn jum ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa, "dritt għal mistrieħ bħala kumpens li għandu jittieħed, bħala regola ġenerali, fi żmien ħmistax-il jum u, fi kwalunkwe każ, fix-xahrejn ta' wara". Barra minn hekk, il-ftehim kollettiv iffirmat fl-1987 kien jipprovdi, għal dawn l-impjegati, żieda ta' 20 % tar-remunerazzjoni normali

ta’ kuljum tagħhom, filwaqt li ż-żieda korrispondenti prevista mill-ftehim kollettivi konklużi fl-2000 u fl-2001 kien ta’ 50 %.

21 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali invokaw l-Artikoli 1418 u 1419 tal-Kodiċi Ċivili, li jippenalizzaw b’nullità l-klawżoli tal-kuntratti “kuntrarji għal regoli imperattivi”, u fl-istess ħin jipprovdu li dawn il-klawżoli “huma ssostitwiti mill-imsemmija regoli imperattivi, skont kif jipprovdi d-dritt”.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

22 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali huma uffiċjali tal-pulizija muniċipali impjegati mal-komun ta’ Torino u jaħdmu għal 35 siegħa fil-ġimgħa. Bejn is-sena 1998 u s-sena 2007, huma kienu kkollokati f’dipartimenti organizzati b’sistema ta’ xift li biha, darba kull ħames ġimgħat huma jaħdmu għal sebat ijiem konsekuttivi, u wara, skont id-deċiżjoni tar-rinviju, hemm perijodu ta’ mistrieħ bħala kumpens li jwassal sabiex b’dan il-mod il-perijodu ta’ serħan ma jiġix eliminat, iżda sempliċiment differit.

23 Din is-sistema ta’ xogħol b’xift u l-fatt li l-mistrieħ tas-seba’jum tal-ħames ġimgħa kien differit jirriżultaw minn ftehim sindikali ffirmat fit-2 ta’ Lulju 1986 bejn l-awtoritajiet komunali u r-rappreżentanti lokali tal-organizzazzjonijiet sindikali prinċipali Taljani (iktar ’il quddiem il-“ftehim tal-1986”).

24 Permezz ta’ rikors ippreżentat quddiem il-qorti tar-rinviju, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali fittxew lill-Comune di Torino sabiex jiġu kkumpensati għad-dannu ta’ għejja psikoloġika u fiżika li huma jallegaw li ġarrbu minħabba l-fatt tan-nuqqas ta’

osservanza tal-perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa li huwa previst mid-dritt intern, peress li huma kienu ħadmu għal sebat ijiem konsekuttivi u sussegwentement irċevew biss jum wieħed ta' mistrieħ fil-forma ta' mistrieħ bħala kumpens. Insostenn tar-rikors tagħhom, huma sostnew li peress li t-tielet paragrafu tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 2109(1) tal-Kodiċi Ċivili jinkludu dispożizzjonijiet vinkolanti, għandu jiġi kkunsidrat li, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet legali xierqa, il-klawżoli rilevanti li jinsabu fil-ftehim tal-1986 u fil-ftehim kollettiv inkwistjoni huma illegali.

25 Il-Comune di Torino rrisponda li, skont l-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 93/104, id-derogi għal mistrieħ ta' kull ġimgħa msemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/104 jistgħu jiġu introdotti permezz ta' ftehim kollettiv jew ftehim konkluż bejn imsieħba soċjali fil-livell nazzjonali jew reġjonali, bil-kundizzjoni li perijodi ekwivalenti ta' serħan bħala kumpens jingħataw lill-ħaddiema kkonċernati.

26 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali madankollu jikkontestaw kemm l-effett dirett tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 93/104 qabel l-adozzjoni tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 66/2003 kif ukoll l-applikabbiltà stess tal-Artikolu 17(3) għall-pulizija muniċipali. Fil-fatt, dan il-qasam ma jissemmiex espressament fil-lista msemmija fl-Artikolu 17(2)(2.1) tad-Direttiva 93/104 u għaldaqstant lanqas ma jibbenefika mid-dritt ta' deroga previst fl-Artikolu 17(3). Din l-aħħar possibbiltà mhijiex dritt awtonoma, peress li tirrigwarda sempliċi kjarifika għall-imsemmi Artikolu 17(2).

27 Barra minn hekk, skont ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, bħala riżultat tal-emenda introdotta mid-Digriet Leġiżlattiv Nru 213/2004, id-Digriet Leġislattiv Nru 66/2003 kollu kemm hu mhuwiex, fi kwalunkwe każ, iktar applikabbli għall-pulizija muniċipali, u dan jirriżulta, fir-rigward tagħhom, fl-inapplikabbiltà tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 93/104 u l-applikabbiltà, mill-ġdid, tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 2109 tal-Kodiċi Ċivili.

28 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunale ordinario di Torino ddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) L-Artikoli 5, 17 u 18 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE [...], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jistgħu jiġu applikati direttament fl-ordinament legali ta' Stat Membru, irrispettivament minn jekk tkunx saret traspożizzjoni formali jew irrispettivament minn regoli tad-dritt nazzjonali li jillimitawlhom l-applikabbiltà għal ċerti gruppi professjonali, f'kawża fejn l-imsieħba soċjali ffirmaw ftehim kollettiv li huwa konformi ma' din id-direttiva?

2) Irrispettivament mill-kwistjoni jekk id-direttiva inkwistjoni għandhiex effett dirett, il-qrati ta' Stat Membru għandhom l-obbligu, fi kwalunkew każ, li japplikaw direttiva li għadha mhijiex trasposta fl-ordinament legali nazzjonali jew li l-applikabbiltà tagħha, wara li tiġi trasposta, tidher li hija prekluża mir-regoli tal-imsemmi dritt nazzjonali bħala mezz ta' interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali u konsegwentement, li jibbażaw ruħhom fuq din id-direttiva sabiex isolvu ċerti dubji fir-rigward tal-interpretazzjoni?

3) Il-qrati tal-Istat Membru huma preklużi milli jiddikjaraw aġir bħala illegali, u konsegwentement li jagħtu kumpens għal danni li jirriżultaw minn fatt inġust u illegali, meta tali aġir jidher li kien awtorizzat mill-imsieħba soċjali u tali awtorizzazzjoni hija konformi mad-dritt Komunitarju, għalkemm taħt il-forma ta' direttiva mhux trasposta fid-dritt nazzjonali?

4) L-Artikolu 17(3) tad-direttiva [93/104] għandu jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza b'mod awtonomu, u konsegwentement b'mod kompletament indipendenti mill-paragrafu 2 u mil-lista ta' attivitajiet u professjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu

[tal-aħħar], l-intervent tal-imsieħba soċjali u r-regoli li jintroduċu dwar derogi firrigward tal-perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa?"

**Fuq id-domandi preliminari**

29 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, għalkemm id-deċiżjoni tar-rinviju tirrigwarda espressament biss il-verżjoni oriġinali tad-Direttiva 93/104, madankollu, millproċess jirriżulta li, matul il-perijodu rilevanti tal-kawża prinċipali, id-direttivi "ħin tax-xogħol" ġew fis-seħħ suċċessivament. Jekk ikun il-każ, fir-risposti li għandhom jingħataw għad-domandi preliminari, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni din iċ-ċirkustanza.

*Fuq ir-raba' domanda*

30 Permezz tar-raba' domanda tagħha, li għandha tiġi trattata fl-ewwel lok, il-qorti tarrinviju ssaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 93/104 għandux portata awtonoma fir-rigward tal-Artikolu 17(2), hekk li l-fatt li professjoni mhijiex elenkata fl-imsemmi Artikolu 17(2) ma jipprekludix li din ma tistax taqa' taħt idderoga prevista fl-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 93/104.

31 Kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punt 26 ta' din is-sentenza, din il-kwistjoni għandha l-oriġini tagħha fl-argument tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali li jgħid li l-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 93/104 ma jistax jinqara jew jiġi applikat separatament

mill-Artikolu 17(3). Skont dawn tal-aħħar, mhuwiex possibbli li l-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 93/104 jiġi interpretat bħala li jippermetti derogi usa' minn dawk previsti fl-Artikolu 17(2), u, għalhekk, bħala li jistabbilixxi sistema ta' deroga awtonoma u distinta.

32 Madankollu, tali argument ma jistax jintlaqa'.

33 Fil-fatt, kif isostnu, essenzjalment, il-Comune di Torino, il-Gvern Taljan u l-Gvern Ċek, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea, ma hemm xejn fl-istruttura jew fil-formulazzjoni tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 93/104 u tad-Direttiva 93/104 kif emendata li jissuġġerixxi li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 17(3) huwa kkundizzjonat minn dak tal-Artikolu 17(2).

34 Barra minn hekk, kif osservat il-Kummissjoni, minn naħa, dawn l-aħħar paragrafi ma jagħmlu ebda riferiment bejniethom u, min-naħa l-oħra, għal kull waħda minn dawn il-kategoriji ta' derogi awtorizzati, l-imsemmija paragrafi jirriproduċu l-kundizzjonijiet identiċi li għalihom, fil-każijiet kollha, il-possibbiltà li jiġi differit il-mistrieħ ta' kull ġimgħa hija suġġetta.

35 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-punt 15 ta' din is-sentenza, meta saret il-kodifikazzjoni mid-Direttiva 2003/88, il-kliem tal-Artikolu 17(3) tad-Direttivi 93/104 u 93/104 kif emendata, ġew riprodotti, b'mod identiku, fl-Artikolu 18 ġdid, filwaqt li l-kontenut tal-Artikolu 17(2) tad-Direttivi 93/104 u 93/104 kif emendata nqasam bejn il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2003/88. B'hekk il-leġiżlatur tal-Unjoni kkunsidra li l-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 17 tad-Direttivi 93/104 u 93/104 kif emendata jistgħu, jew saħansitra għandhom, jinqraw separatament, li jippermetti li jinżammu separati matul il-kodifikazzjoni.

36 Għaldaqstant għandha tingħata risposta għar-raba' domanda li l-Artikolu 17(3) tad-Direttivi 93/104 u 93/104 kif emendata għandu portata awtonoma fir-rigward tal-Artikolu 17(2) tal-istess direttiva, hekk li l-fatt li professjoni ma tkunx elenkata fl-imsemmi Artikolu 17(2) ma jipprekludix li din tista' taqa' taħt id-deroga prevista fl-Artikolu 17(3) tad-Direttivi 93/104 u 93/104 kif emendata.

*Fuq l-ewwewl tliet domandi*

37 Kif jirriżulta b'mod partikolari mid-deċiżjoni tar-rinviju, jidher li huwa paċifiku fil-kawża prinċipali li, għall-perijodu bejn id-29 ta' April 2003 u d-29 ta' Awwissu 2004, id-Digriet Leġislattiv Nru 66/2003 jippermetti, bħala prinċipju, skont l-Artikolu 17 tad-Direttivi 93/104 u 93/104 kif emendata, li jkun hemm deroga, permezz tal-ftehim kollettiv iffirmat matul is-sena 2001, għall-perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa previst fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 2109(1) tal-Kodiċi Ċivili.

38 Madankollu, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta wkoll li, barra minn dan l-aħħar perijodu, dawn id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Kodiċi Ċivili jidhru li jistgħu jipprekludu, fir-rigward tad-dritt intern, li l-Comune di Torino validament jibbaża ruħu, għad-difiża tiegħu, fuq il-ftehim kollettivi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sabiex jilleġittima s-sistema ta' xogħol bix-xift inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, skont il-ftehim tal-1986, jipprovdi b'mod partikolari li l-mistrieħ tas-seba' jum tal-ħames ġimgħa jiġi differit.

39 Kif sostniet il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, l-attivitajiet ta' servizzi tal-pulizija muniċipali eżerċitati taħt kundizzjonijiet normali jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/391 u, minħabba r-riferiment għall-Artikolu 2 tal-istess direttiva li jinsab fl-Artikolu 1(3) tad-direttivi "ħin tax-xogħol", taħt il-kamp

ta' applikazzjoni ta' dawn tal-aħħar (ara b'analoġija, b'mod partikolari, id-digriet tal-14 ta' Lulju 2005, Personalrat der Feuerwehr Hamburg, C-52/04, Ġabra p. I-7111, punti 51 sa 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 Mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jidher li jirriżulta li t-tielet paragrafu tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 2109(1) tal-Kodiċi Ċivili huma *a priori*, sa fejn b'mod partikolari jiġu applikati fid-dawl tar-rekwiżiti tal-Artikoli 3 u 16 tad-Direttiva 93/104, tali li jikkostitwixxi t-traspożizzjoni tal-Artikolu 5 tad-direttivi "ħin tax-xogħol" fis-sistema legali Taljana, liema ċirkustanza għandha tiġi mistħarrġa mill-qorti tar-rinviju. Fi kwalunkwe każ, ma kienx ġie ssuġġerit quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li l-imsemmija dispożizzjonijiet nazzjonali jmorru kontra r-rekwiżiti tal-imsemmi Artikolu 5.

41 Madankollu, għalkemm, fid-deċiżjoni tar-rinviju, il-qorti nazzjonali tibda mill-premessa li s-sistema ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa prevista mill-ftehim tal-1986 hija, bħala prinċipju, permessa mid-derogi fakultattivi previsti fl-Artikolu 17 tad-Direttivi 93/104 u 93/104 kif emendata, jew fl-Artikoli 17 u 18 tad-Direttiva 2003/88 (iktar 'il quddiem, flimkien, id-"dispożizzjonijiet ta' deroga inkwistjoni"), u li din l-istess qorti għandha tistħarreġ dan, hija għandha dubju fuq jekk dan il-ftehim kif ukoll il-ftehim kollettiv inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistgħux jidderogaw mit-tielet paragrafu tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 2109(1) tal-Kodiċi Ċivili.

42 B'hekk hija ssaqsi, essenzjalment, fuq il-possibbiltajiet ta' rimedju, direttament jew indirettament, abbażi tad-derogi inkwistjoni, sabiex jintgħelbu ostakoli eventwali li jaqgħu taħt id-dritt intern għall-applikazzjoni tal-ftehim kollettivi inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

43 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ewwel tliet domandi, li huwa xieraq li jiġu trattati flimkien, għandhom jinftiehmu bħala intiżi, essenzjalment, li jsaqsu jekk id-derogi inkwistjoni humiex tali li jiġu applikati direttament għal fatti bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jew jekk, fin-nuqqas ta' tali effett dirett, il-qorti nazzjonali għandhiex jew tistax tinterpreta d-dispożizzjonijiet tad-dritt intern inkwistjoni fil-kawża prinċipali b'tali mod li tkun ammessa deroga għall-perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa previst fit-tielet paragrafu tal-Artikoli 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 2109(1) tal-Kodiċi Ċivili.

Fuq il-possibbiltà ta' applikazzjoni diretta tad-derogi inkwistjoni

44 Filwaqt li huwa minnu li l-ewwel domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju tirreferi b'mod partikolari għall-Artikolu 5 tad-direttivi "ħin tax-xogħol", għandu jiġi osservat li, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punt 42 ta' din is-sentenza, permezz tal-imsemmija domanda, il-qorti tar-rinviju trid tkun taf qabel kollox jekk il-konvenut fil-kawża prinċipali jistax jinvoka d-derogi inkwistjoni direttament kontra r-rikorrenti fil-kawża prinċipali, sabiex jiġu miċħuda t-talbiet li taw lok għall-kawża prinċipali.

45 Issa, għandu jitfakkar f'dan ir-rigward li, skont ġurisprudenza stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja, direttiva ma tistax, waħedha, toħloq obbligi fil-konfront ta' individwu u għaldaqstant ma tistax tiġi invokata bħala tali kontrih (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-26 ta' Frar 1986, Marshall, 152/84, Ġabra p. 723, punt 48; tal-14 ta' Lulju 1994, Faccini Dori, C-91/92, Ġabra p. I-3325, punt 20; tas-7 ta' Jannar 2004, Wells, C-201/02, Ġabra p. I-723, punt 56; tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et*, C-397/01 sa C-403/01, Ġabra p. I-8835, punt 108, kif ukoll tad-19 ta' Jannar 2010, Kücükdeveci, C-555/07, Ġabra p. I-365, punt 46).

46 B’hekk, sa fejn id-derogi inkwistjoni ma ġewx trasposti validament, liema ċirkustanza f’dan il-każ għandha tiġi mistħarrġa mill-qorti tar-rinviju, l-awtoritajiet ta’ Stat Membru li ma jkunux użaw din il-possibbiltà ma jistgħux jinvokaw l-ommissjoni stess ta’ dan l-Istat sabiex iċaħħdu lil individwi, bħar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-benefiċċju ta’ perijodu ta’ mistrieħ ta’ kull ġimgħa li, bħala prinċipju, huwa suġġett għal stħarriġ li għandu jsir mill-qorti tar-rinviju f’dan ir-rigward, skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 5 tad-direttivi“ħin tax-xogħol” (ara, b’analoġija, is-sentenza tas-17 ta’ Lulju 2008, Flughafen Köln vs Bonn, C-226/07, Ġabra p. I-5999, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Għaldaqstant, f’ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, id-derogi inkwistjoni ma jistgħux jiġu invokati direttament kontra individwi, bħar-rikorrenti fil-kawża prinċipali.

Fuq l-obbligu jew il-possibbiltà ta’ interpretazzjoni konformi tad-dritt intern

48 Kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, it-Tribunale ordinario di Torino, Sezione Lavoro, permezz tat-tieni u tat-tielet domandi tiegħu, jistaqsi jekk madankollu hemmx lok li d-dritt intern jiġi interpretat fid-dawl tad-derogi inkwistjoni, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-Comune di Torino jistax validament jibbaża ruħu fuq il-ftehim kollettivi inkwistjoni fil-kawża prinċipali sabiex jidderoga mir-rekwiżiti tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 2109(1) tal-Kodiċi Ċivili.

49 F’dan ir-rigward, huwa minnu li l-obbligu tal-Istati Membri, li jirriżulta minn direttiva, li jilħqu r-riżultat previst minnha kif ukoll il-kompitu tagħhom li jadottaw il-miżuri ġenerali jew partikolari adattati sabiex jiżguraw l-eżekuzzjoni ta’ dan l-obbligu jorbot lill-awtoritajiet kollha tal-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet ġudizzjarji fil-kuntest

tal-ġurisdizzjoni tagħhom (ara, b'mod partikoalri, is-sentenzi tal-10 ta' April 1984, von Colson u Kamann, 14/83, Ġabra p. 1891, punt 26, kif ukoll Kücükdeveci, iċċitata iktar 'il fuq, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 Madankollu, l-eżistenza ta' obbligu li jirriżulta mid-direttivi "ħin tax-xogħol" li d-dritt intern jiġi interpretat sabiex jiffavorixxi l-applikazzjoni ta' ftehim kollettivi ta' deroga mir-regoli ta' traspożizzjoni tal-Artikolu 5 ta' dawn id-direttivi għandha tiġi eskluża.

51 Fil-fatt, peress li d-derogi previsti fid-derogi inkwistjoni huma fakultattivi, id-dritt tal-Unjoni ma jimponix li l-Istati Membri għandhom jimplementawhom fil-liġi nazzjonali. Sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-għażla pprovduta minn dawn id-dispożizzjonijiet li jidderogaw, f'ċerti ċirkustanzi, mir-rekwiżiti, b'mod partikolari, tal-Artikolu 5 tad-direttivi "ħin tax-xogħol", l-Istati Membri huma mitluba jiddeċiedu li jagħmlu użu minn din l-għażla (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2009, SALIX Grundstücks-Vermietungsgesellschaft, C-102/08, Ġabra p. I-4629, punti 51, 52 u 55).

52 Għal dan il-għan, huma l-Istati Membri li għandhom jagħżlu t-teknika leġiżlattiva li tidher l-iktar xierqa għalihom (ara, b'analoġija, is-sentenza SALIX Grundstücks-Vermietungsgesellschaft, iċċitata iktar 'il fuq, punt 56), billi, taħt id-derogi inkwistjoni, derogi bħal dawn jistgħu jsiru b'mod partikolari permezz ta' ftehim kollettivi jew ta' ftehim konklużi bejn imsieħba soċjali.

53 Bħala tali, id-direttivi "ħin tax-xogħol" ma jistgħux jiġu intepretati bħala li jipprekludu l-applikabbiltà ta' ftehim kollettivi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jew għall-kuntrarju, minkejja dispożizzjonijiet oħra rilevanti tad-dritt intern, bħala li jirrikjedu tali applikabbiltà.

54 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-kwistjoni dwar jekk il-Comune di Torino jistax validament jibbaża ruħu, fil-kawża prinċipali, fuq il-ftehim tal-1986 kif ukoll fuq il-ftehim kollettivi inkwistjoni fil-kawża prinċipali ssir qabel kollox kwistjoni li l-qorti tar-rinviju għandha ssolvi skont ir-regoli tad-dritt intern (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2000, Simap, C-303/98, Ġabra p. I-7963, punti 55 sa 57).

55 Madankollu, għandu jiġi osservat li, meta d-dritt tal-Unjoni jippermetti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jidderogaw minn ċerti dispożizzjonijiet ta' direttiva, dawn tal-aħħar għandhom l-obbligu li jeżerċitaw is-setgħa diskrezzjonali tagħhom fir-rispett tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li jinkludu l-prinċipju ta' ċertezza legali. Għal dan il-għan, id-dispożizzjonijiet li jipprovdu għal derogi fakultattivi stabbiliti minn direttiva għandhom jiġu implementati bil-preċiżjoni u biċ-ċarezza rikjesta sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-imsemmi prinċipju.

56 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tiffaċċja żewġ alternattivi, jew il-ftehim kollettivi inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jissodisfawx il-prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali u r-rekwiżiti tad-dritt intern sabiex jiġu implementati validament id-derogi inkwistjoni, jew li dawn il-ftehim jikkostitwixxu l-implementazzjoni, skont id-dritt Taljan u fir-rispett tal-prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali, tad-derogi li huma ammessi fl-imsemmija dispożizzjonijiet tal-Unjoni.

57 Fl-ewwel minn dawn l-ipoteżi, kif sostna l-Gvern Ċek u kif jirriżulta mill-ġurisprudenza msemmija fil-punt 45 ta' din is-sentenza, għalkemm id-dritt intern Taljan jipprekludi l-applikazzjoni tal-ftehim tal-1986 kif ukoll tal-ftehim kollettivi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, id-direttivi "ħin tax-xogħol" ma jistgħux, waħedhom, jiġu invokati kontra individwi sabiex tiġi żgurata tali applikazzjoni (ara wkoll, b'analoġija, is-sentenzi tal-11 ta' Ġunju 1987, Pretore di Salò vs X, 14/86, Ġabra p. 2545, punti 19 u 20; tat-3 ta' Mejju 2005, Berlusconi *et*, C-387/02, C-391/02 u C-403/02, Ġabra p. I-3565, punti 73 u 74, kif ukoll tal-5 ta' Lulju 2007, Kofoed, C-321/05, Ġabra p. I-5795, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 Fit-tieni ipoteżi msemmija fil-punt 56 iktar 'il fuq, id-direttivi "ħin tax-xogħol" lanqas ma jipprekludu, f'dan ir-rigward, interpretazzjoni tad-dritt intern li biha l-Comune di Torino tkun tista' tirrikorri għal rimedju bbażat fuq il-ftehim kollettivi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sakemm id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawn il-ftehim josservaw kompletament il-kundizzjonijiet stabbiliti għad-derogi inkwistjoni, u hija l-qorti tar-rinviju li għandha tistħarreġ dan. Fuq dan l-aħħar punt, għandu jitfakkar li, bħala eċċezzjonijiet għas-sistema Komunitarja dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol stabbilita bid-Direttiva 93/104, id-derogi inkwistjoni għandhom jiġu interpretati b'mod li l-portata tagħhom tkun limitata għal dak li huwa strettament neċessarju sabiex jiġu ssalvagwardati l-interessi li dawn id-derogi jippermettu li jiġu protetti (ara s-sentenza tad-9 ta' Settembru 2003, Jaeger, C-151/02, Ġabra p. I-8389, punt 89).

59 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel tliet domandi għandha tkun li, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, id-derogi inkwistjoni ma jistgħux jiġu invokati kontra individwi bħalma huma r-rikorrenti fil-kawża prinċipali. Barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet ma jistgħux jiġu interpretati bħala li jammettu jew jipprekludu l-applikazzjoni ta' ftehim kollettivi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, peress li l-applikazzjoni ta' dan il-ftehim tiddependi mid-dritt intern.

**Fuq l-ispejjeż**

60 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 17(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE, tat-23 ta' Novembru 1993, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, kemm fil-verżjoni oriġinali kif ukoll fil-verżjoni tagħha kif emendata bid-Direttiva 2000/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 2000, għandu portata awtonoma fir-rigward tal-Artikolu 17(2) tal-istess direttiva, hekk li l-fatt li professjoni ma tkunx elenkata fl-imsemmi Artikolu 17(2) ma jipprekludix li din tista' taqa' taħt id-deroga prevista fl-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 93/104, fl-imsemmija żewġ verżjonijiet.**

2) **F'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, id-derogi fakultattivi previsti fl-Artikolu 17 tad-Direttivi 93/104 u 93/104 kif emendata, bid-Direttiva 2000/34, kif ukoll, jekk ikun il-każ, fl-Artikoli 17 u/jew 18 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, ma jistgħux jiġu invokati kontra individwi bħalma huma r-rikorrenti fil-kawża prinċipali. Barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet ma jistgħux jiġu interpretati bħala li jammettu jew jipprekludu l-applikazzjoni ta' ftehim kollettivi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, peress li l-applikazzjoni ta' dawn il-ftehim tiddependi mid-dritt intern.**

Firem